MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1409/2002/1

**Mile End Services Limited**

**vs**

**Joseph u Romina konjugi Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-3 ta' Gunju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u hdax-il lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm511.43) dovuta: (i) in kwantu ghal mitejn sitta u disghin lira u sebghin centezmu (Lm296.70) skond fattura numru ta' referenza 2689 datata 28 ta' Gunju, 2001; (ii)kwantu ghal mitejn u erbatax-il lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm214.70) skond fattura numru ta' referenza 2690 datata 28 ta' Gunju, 2001, dan kollu in konnessjoni ma' xogholijiet ta' riparazzjoni ta' vettura u xogholijiet ohra relatati, flimkien mal-fornitura u bejgh ta' varji spareparts**

**relatati, skond kif jidher minn kopji ta’ l-istess annessi u markati ma’ l-avviz bhala dokumenti bl-ittri A u B rispettivament;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta’ l-ittra interpellatorja ta’ 4 ta’ Jannar 2002 u ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-11 ta’ Jannar 2002 (kopji Dok C u D) u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-fatturi in kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fis-27 ta’ Gunju, 2002 fejn intqal li l-kuntratt dwar ix-xogholijiet saru bi ftehim ma’ Micallef Insurance Agency Limited li kienet qed tidher ghal Independent Insurance;**

**Kienet l-insurance li assumiet l-obbligu li ssewwi billi l-konvenut kien assigurat comprehensive;**

**Il-konvenut qatt ma kien jaf lis-socjeta’ attrici u mar hemm ghaliex il-kontijiet kellhom ighaddu lill-assikurazzjoni.**

**Sema’ x-xhieda ta’ Romina Buhagiar, Romina Zammit, Joseph Zammit, Emanuel Galea. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi tal-kaz. Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici u n-nota responsiva tal-konvenuti.**

**Ra l-verbal tas-7 ta’ Jannar 2003 li fih il-partijiet iddikjaraw li qed jaqblu fuq is-survey report esebit.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi t-talba attrici qed issir ghal hlas ta’ flus dovuta fuq zewg fatturi, referibilment il-fattura numru 2689 datata 28 ta’ Gunju, 2001 u l-fattura 2690 datata 28 ta’ Gunju, 2001, u dana in konnessjoni ma’ xogholijiet ta’ riparazzjoni fuq vettura u bejgh ta’ *spare parts*.**

**2. Skond ma xehdet Romina Buhagiar segretarja u direttrici ma’ l-istess socjeta’ attrici, l-konvenuti kienu**

**marru ghand is-socjeta' attrici f'Gunju 2001 sabiex isiru tiswijiet fuq il-vettura, u sabiex isir survey mill-assigurazzjoni ta' l-istess konvenuti. Hi tikkonferma li kien mar is-surveryor Joseph Muscat u kien inghata l-go ahead biex isiru t-tiswijiet. Hi tghid li fil-fatt sewwew u taw lura l-vettura lill-konvenuti li kienu kuntenti bix-xoghol li sar.**

**3. L-istess Romina Buhagiar tikkonferma illi l-invoice hareg fuq isem il-konvenuti u ntbaghat lill-assigurazzjoni, pero' peress illi l-assigurazzjoni falliet u ma hallsitx, huma daru fuq il-propretarji tal-vettura.**

**4. Il-konvenuta Romina Zammit tikkonferma li kienu assikurati ma' Micallef Insurance Agency li kienu jirrapprezentaw lill-Independent Insurance. Hi kienet hallset l-excess ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) ghall-incident li gara fit-12 ta' Gunju, 2001. Tikkonferma li kien intbaghat is-surveyor ta' Micallef Insurance. Tghid ukoll li fl-ahhar ta' Gunju 2001, li Micallef Insurance Agency Limited kienet qed tibdel l-agent taghha minn Independent Insurance ghal Citadel Insurance plc.**

**5. Il-konvenut Joseph Zammit jikkonferma dak li qalet il-mara tieghu Romina Zammit, u jzid ighid li meta tkellem ma' missier Romina Buhagiar, dana kien qallu li kienu ser jiehdu hsieb ma' l-insurance.**

**6. Emanuel Galea Claims Officer ma' Independent Insurance jikkonferma li Joseph Zammit kien kopert ma' l-Independent Insurance *fully comprehensive*. Skond l-istess xhud, is-survey kellu jsir fl-14 ta' Gunju, 2001 f'liema gurnata huma saru jafu li ma kienux ghadhom jirrapprezentaw lill-kumpanija estera peress li kienet waqfet t'opera. Jikkonferma wkoll li huma taw il-*go ahead* sabiex isiru t-tiswijiet. Qal ukoll li rcevew il-kont imsemmi fl-avviz, pero' mill-14 ta' Gunju, 2001 huma kienu ffrizaw il-pagamenti.**

**7. Kif sewwa rilevat mid-difensur tas-socjeta' attrici l-artikolu 1149 (i) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: "il-kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-hlas ikun ta' vantagg ghad-debitur" u kif rilevat mill-Qorti fil-kawza *__Frank Cilia noe vs Charles Scicluna__* (Vol LXXVI pt ii pg 673 et seq)**
**"…. jekk id-dejn ma jithallasx kollu mit-terz, l-obbligazzjoni tibqa' xorta wahda veljanti fil-konfront tad-debitur;**
**illi …. normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor."**

**8. Kif jinghad fl-istess decizjoni, fid-dubbju l-mandat ma**
**jistax jigi preznut, anzi ghandu jigi eskluz.**

**9. L-abbli difensur tas-socjeta' attrici jaghmel referenza ghal dak li jghid Ricci (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile – Seconda Edizione –Volume VI, 1886) meta jikkummenta dwar l-artikolu elf mija u ghoxrin (1120) ta' l-Codice Civile Italiano ta' dak iz-zmien (li huwa identiku ghal dak korrispondenti nostrali), *"quando si parla di contratto che non pregiudica, ne' giova a' chi e' rimasto estraneo, s'intende parlare del vincolo giuridico posta in essere per effetto del contratto, e si afferma quindi che questo vincolo giuridico non puo' in alcun modo riguardare il terzo. Il vincolo, infatti, nasce dall' incontro di due consensi; ora se il terzo non ha consentito, non puo' il suo consenso essersi incontrato con quello dei contraenti; come dunque potrebbe estendersi a lui il vincolo giuridico creato dall'incontro dell' altrui consenso? » (p 78). Bhala eccezzjonijiet ta' din "stabbiliti mill-Ligi" (art 1001 Kap 16), l-istess abbli awtur isemmi bhala ezempji "(nella) comunita', [nella] societa' [nei] fallimenti, ecc., in cui le deliberazioni e le convenzioni, che ne sono la***

***conseguenza, obbligano talvolta anche quelli tra i condomini, i soci, o i creditori che non vi abbiano preso parte" [op. cit. P79)*.**

**10. It-Tribunal qies ukoll il-fatt illi s-socjeta' assikurattrici kienet baghtet is-surveyor taghha u x-xogholijiet gew esegwit a bazi tas-survey li sar, pero din ma t'ammontax ghall-surroga li biha s-socjeta` assikurattrici qed tidhol fil-panni tal-assikurat. Is-semplici fatt li l-assikurazzjoni indikat fejn isiru t-tiswijiet ma holqotx ir-rabta kontrattwali fil-konfront tas-socjeta` attrici. Hekk ukoll l-istess socjeta' assikurattrici Micallef Insurance Agency Limited kienet harget ircevuta Dok RZ 1 fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) ghal excess li thallas mill-konvenut dwar il-claim number 83/2001. Din ta' l-ahhar ma tistax tigi interpretata bhala presunzjoni li kellu jsir il-hlas mis-socjeta` assikurattrici.**

**11. F'dan ir-rigward l-abbli difensur tal-konvenuti qed targumenta illi "jirrizulta ampjament mill-provi prodotti li kienet is-socjeta' assikurattrici Micallef Insurance Agency Limited illi tat l-istruzzjonijiet lis-socjeta' attrici sabiex tesegwixxi x-xogholijiet…" tant illi kif indikat fid-Dok RZ 3 is-survey sar *"with prejudice".***
**12. Ma hemmx dubbju li s-socjeta' attrici gustament trid tithallas tax-xogholijiet li hija esegwiet, u dana hija tista taghmlu fil-konfront ta' min assuma l-obbligu tat-tiswijiet, ossia f'dan il-kaz is-sid. Il-bazi kontrattwali ta' l-assikurazzjoni kienet mas-sidien u mhux mal-assikurazzjoni, u fil-fatt il-kont hareg f'isem l-istess konvenuti.**

**13. Tassew li kif irrilevat l-abbli difensur tal-konvenuti u kif inghad fid-decizjoni ta' dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet *"Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qorti* Avviz Nru:643/01 deciza fid-19 ta' Dicembru 2002; "Fil-kamp guridiku l-kelma ekwita' ghandha s-sens illi dan hu principju li ghandu jigi applikat mhux biex ifarrak il-Ligi, jew biex**

**jissostitwixxi l-Ligi, izda biex jissupplimentaha fejn il-Ligi hi mankanti:**
**"Now equity is no part of the law, but a moral virtue, which qualifies, moderates, and reforms the rigour, hardness and edge of the law, and is an universal truth; it does also assist the law where it is defective and weak in the constitution, and defends the law from crafty evasions, delusions, and new subtilties, invented and contrived to evade and delude the common law, whereby such as have undoubted right are made remediless; and this is the office of equity, to support and protect the common law from shifts and crafty contrivances against the justice of the law. Equity therefore does not destroy the law, nor create it, but assist it" (Dudley [Lord] vs Dudley [Lady] [1705] ).**

**Ghandu jinghad ukoll li :**
**""Equity follows the law" and in cases where the legal analogy clearly applied, the rule of law was adopted, however harsh it might be."**

**Kif ukoll li:**
**"Equity is co-relative and co-existensive with law " (Sources of English Legal History 1750 – 1950 – A.H. Manchester. P. 121)**

**14. Pero` it-Tribunal ihoss li hawn il-Ligi hija cara fir-rigward u ghalhekk tenut kont ta' dak illi ntqal u ta' l-artikoli citati, t-Tribunal qed jakkolji bhala valida t-tezi prezentata mis-socjeta` attrici fis-sens illi l-ftehim dwar it-tiswijiet kien mal-konvenuti, u ma kienx mas-socjeta' assikurattrici, li f'ebda moment ma jista' jinghad li setghet taghmel tajjeb ghal dawk it-tiswijiet, u ghaldaqstant illum necessarjament is-socjeta' attrici kellha ddur fuq il-konvenuti peress illi r-relazzjoni taghha hija maghhom.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' it-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hdax-il lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm511.43), bl-imghaxijiet legali li**

**jibdew jiddekorru mill-lum sad-data tal-hlas effettiv, u b'riserva ta' kull dritt sic et quatenus tal-konvenuti kontra terzi.**

**In vista tac-cirkostanzi specjali u l-fatti specie ta' dan il-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanzi ghandhom jibqghu bejn il-partijiet.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------